MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 550/2014

**Raymond Pisani, Carmel Attard, Sylvana Chiaruttini, Christine Grixti, Joseph Pace, Carmela Zammit, Peter Paul Borg, Andrew Amato Gauci u Anna Maria Attard Montalto**

**Vs**

**Id-Direttur Generali ghas-Sigurta' Socjali; Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta Socjali; l-Avukati Generali**

Din is-sentenza titratta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li taqra:

*"1. Illi preliminarjament is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Socjali u l-Avukat Generali m'humiex il-legittimi kontradittturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-kawza ghandha tigi ntavolata kontra l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li huwa nkarigat fil-materja in kwistjoni u per konsegwenza dawn l-imharrkin ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju".*

Il-kawza titratta dwar trasferiment ta' drittijiet ta' pensjoni minn Malta ghall-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fejn jahdmu l-atturi. L-atturi qeghdin jikkontestaw il-kalkoli li saru mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Fir-rikors guramentat l-atturi qalu li l-ilment hu bazat fuq 'il fatt li:

*"d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jistrieh fuq disposizzjonijiet legali li jhaddmu metodologija li normalment tapplika f'kazijet ta' irtirar mill-impjieg u dan meta r-rikorrenti ma humiex jirtiraw mill-impjieg izda jitolbu li jittrasferixxu d-drittijiet pensjonali taghhom"* (paragrafu 9).

L-Artikolu 181B(1) tal-Kap 12 jipprovdi:-

*"Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni".*

Fil-kaz in ezami d-Dipartiment ikkoncernat hu d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jaghmel il-kalkoli tal-pension entitlement ta' dawk l-impjegati li jkunu jridu jittrasferixxu d-drittijiet ta' pensjoni f'Malta ghal gewwa l-iskema tal-Kummissjoni Ewropea.

F'nota pprezentata fil-31 ta' Ottubru 2014 l-atturi ddikjaraw li kienu harrku lill-Avukat Generali u lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta Socjali ghaliex *"….. ir-rikorrenti kienu informati li dawn hadu sehem attiv fil-posizzjoni li qed jiehu d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali"* (fol. 24). Hi x'inhi l-verita', hu evidenti li d-decizjoni ma ttiehditx minnhom.

F'dan il-kaz id-decizjoni li minnha qeghdin jilmentaw l-atturi ttiehdet mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Ghalhekk il-Gvern hu rapprezentat mid-Direttur Generali tal-istess Dipartiment bhala l-Kap tad-Dipartiment. Il-presenza tal-konvenuti l-ohra m'hijiex mehtiega.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta'. Spejjez a karigu tal-atturi**.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------